KUNSILL LOKALI IL-ĦAMRUN

**MINUTI**

**Laqgħa b'URĠENZA tal-Kunsill Lokali l-Ħamrun**

**Is-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 52**

Il-Kunsilli Lokali Il-Ħamrun ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Misraħ il-Kunsill, Triq id-Duka t'Edinburgh fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut – Sindku
Antonello Cuschieri - Kunsillier
Carmen Borg - Kunsillier
Louise Portelli - Kunsillier
Efrem Buttiġieġ – Kunsillier
Jurgen Carl Grixti - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Vincent Bonello – Vici Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Christian Sammut ippresjeda l-laqgħa.

**52.1 Sospensjoni tas-Seduta**

Is-Sindku talab li sospensjoni tas-Seduta sabiex isir intervent mill-Kumitat ta' Milan Club Malta dwar applikazzjoni li tressqet quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar bin-numru ta' referenza PA/04641/18.

Il-Kunsill approva s-sospensjoni.

**52.3 Ittri ta' Apoloġija**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-ittri ta' apoloġija mill-Vici Sindku Vincent Bonello li nfurma li ma jistax jattendi għal-laqgħa.

Il-Kunsill approva l-ittra ta' apoloġija.

**52.4 Applikazzjoni PA/04641/18**

Is-Sindku spjega li nżammet il-laqgħa mar-residenti ta' Triq Lord Byron fejn ressqu bosta issues bħal;

Problemi ta' Parkeġġ
Problema ta' storbju
L-area diġa hija mimlija bi clubs oħra tal-football
Fl-area jgħixu ammont kbir ta' anzjani
Il-problema li tista' tinħoloq fl-istruttura tal-bini f'każ li ż-żewġ garaxxijiet jitneħħa d-diviżorju eżistenti.
Ħsarat f'każ ta' ġlied

Waqt l-istess laqgħa r-residenti ppreżentaw set ta' dokumenti għall-attenzjoni tal-Kunsill;

Objection lill-Awtorita' tal-Ippjanar iffirmata mir-residenti tal-akwata – Dok A

Deċiżjoni ta' applikazzjoni simili fejn turi li l-applikazzjoni ġiet refused – Dok B
Petizzjoni ffirmata mir-residenti lill-Kunsill Lokali sabiex iwassal l-ilment tagħhom quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar – Dok C.

Is-Sindku spjega li l-Kunsill għandu jieħu l-aħjar deċiżjoni u dan il-każ qed joħloq ftit ta' kontroversja għaliex filwaqt li l-Kunsill qed iħeġġeġ lill-investituri jinvestu fil-lokalita' għandu jisma' u jikkunsidra l-bżonnijiet tar-residenti Ħamruniżi.

Saret diskussjoni dwar bosta fatturi u l-Kunsill wasal fil-konklużjoni li jitlob parir mingħand l-Avukat u mingħand il-Perit tal-Kunsill.

**52.5 Applikazzjoni għall-finanzjament ta' proġett għall-Fondi mill-EU 2014-2020**

Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li kellu laqgħa mal-Malta Railway Foundation fejn urew ix-xewqa tagħhom li jissottometu proġett għar-restawr tal-Istazzjon li jinsab fi Triq il-Ferrovija. Il-Malta Railway Foundation diġa ħadmet fuq proġetti simili mal-Kunsill Lokali Ħ'Attard u B'Kara

Is-Sindku spjega li dan il-proġett mhux biss jagħti nifs l-istazzjon li ilu snin mitluq, iżda jressaq aktar investiment fil-lokalita' filwaqt li jressaq aktar is-settur turistiku lejn il-lokalita'. Is-Sindku spjega li dan il-proġett jiswa madwar € 250,000, liema proġett jekk jintlaqa' jiġi 80% tiegħu ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea, filwaqt li 20% jiġi ffinanzjat lokalment. Is-Sindku spjega li l-Ħamrun Scouts Group m'għandux dawn il-fondi u għaldaqstant qed iressaq it-talba sabiex dawn l-20% jiġu ffinazjati mill-Kunsill bil-fondi tal-Urban Improvement Funds.

Il-Kunsill approva dan il-finanzjament.

**52.6 Ħwejjeġ Oħra ta' natura Urġenti**

Is-Sindku nfurma li l-Kunsill kellu talba minn Bexty Pastizzeria li jinsab fi Triq il-Kunċizzjoni sabiex tarma mwejjed u siġġijiet fl-okkażjoni tal-festa Immakulata Kunċizzjoni. Il-Kunsill approva tali talba bil-kundizzjoni li l-imwejjed u siġġijiet jiżżarmaw fil-ħinijiet skont il-permess tal-ħanut, il-permess jingħata għal Ġimgħa, Sibt u Ħadd tal-festa.

Is-Sindku nfurma li minħabba l-perikli eżistenti x-xogħol ta' patching se jsir mill-Kuntrattur tal-Kunsill J&K Contractors.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ staqsa f'hiex wasal ix-xogħol ta' Pjazza Kappillan Muscat. Is-Sindku spjega li fil-ġranet li ġejjin se jiżżarma l-hoarding u l-unika parti li se tinżamm magħluqa hija l-area ta' fejn se ssir il-funtana. Dan se jkun qed isir bħala mezz ta' sigurta' għar-residenti.

**52.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-8.00p.m. u ġiet aġġornata għat-Tlieta 3 ta' Lulju 2018 fil-5.30p.m.

Konfermati, illum, **it-Tlieta, 3 ta' Lulju 2018**

***Iffirmata***
Christian Sammut
Sindku

***Iffirmata***
Karen Camilleri
Segretarju Eżekuttiv